TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 154/13/GB

**Frangisku u Carmen Saliba**

**vs**

**Target Furniture Ltd.**

Illum 6 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rappreżentanti l-ammont li huma hallsu ghal saqqu li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema saqqu kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fl-1 ta'April 2013 huma kienu ċemplu lis-socjeta' ntimata rigward dan l-ilment.

Hmistax-il ġurnata wara, is-socjeta' ntimata kkuntattjat is-sid ta' 'Royalty Mattresses' fejn huwa mar jara l-kundizzjoni tas-saqqu u kkonferma li s-saqqu ma kienx adattat ghar-rikorrenti. Dan is-saqqu kien ghand ir-rikorrenti ghal sentejn, u s-sid ta' 'Royalty Mattresses' qalilhom li s-saqqu ghandu hames snin garanzija. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti regghu marru ghand is-socjeta' ntimata, pero' hija ma kenitx qed taċċetta l-fatti. Is-socjeta' ntimata ghalhekk ċemplet lis-sid ta' 'Royalty Mattresses' fejn jidher li hemm kunflitt bejniethom.

Minn dak iz-zmien 'l hawn, ir-rikorrenti kellhom jixtru saqqu iehor, ghaliex is-saqqu in kwistjoni beda jaghmlilhom l-hsara u t-tabib ordnalhom biex jixtru iehor.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Circa sentejn ilu, ir-rikorrenti kienu xtraw sett tal-kamra tas-sodda li kienet tinkludi saqqu. Irriżulta illi s-saqqu kien difettuż u li l-molol cedew wara sentejn. Is-socjeta' ntimata ikkuntattjat il-manifattur ('Royalty'), fejn huwa spezzjona s-saqqu u kkonkluda illi sabiex jinbidel is-saqqu, il-molol iridu jkunu kompletament imkissrin.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta li ġiet immarkata bhala Dok.FS1; flimkien ma' ritratt tas-saqqu in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.FS2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi r-risposta li hija hadet minghand is-socjeta' 'Pisani Bedding & Upholstery Ltd' kienet illi s-saqqu niżel biz-zmien u l-garanzija tghodd biss ghal molol miksura, u peress li dan ma kienx il-kaz, il-garanzija ma tghoddx.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument bhala prova minn fejn inxtara is-saqqu liema saqqu sussegwentement inbiegh mis-socjeta' ntimata, li gie mmarkat bhala Dok.TF1.

Illi, bi qbil bejn il-partijiet, is-socjeta' 'Pisani Bedding & Upholstery Co. Ltd' ġiet ikkjamata fil-kawza.

Xehed Mario Pisani, bhala rappreżentant tas-socjeta' kjamata fil-kawza 'Pisani Bedding & Upholstery Co. Ltd', fejn bil-gurament huwa stqarr illi s-socjeta' kienet irċeviet ilment minghand ir-rikorrenti u fi żmien qasir kienet marret ghandhom, fejn hija sabet li l-molol ma kienux imkissrin, u l-garanzija tkopri molol imkissra biss. Li ġralu s-saqqu in kwistjoni huwa li rtab. Ix-xhud stqarr illi kien qal lir-rikorrenti li dan is-saqqu ma kienx tajjeb ghalihom, u li s-socjeta' tadatta skond il-persuna, u cioe' wiehed jadatta is-saqqu ghalih. Is-saqqu rtab ghaliex ir-rikorrenti huma t-tnejn overweight. Mistoqsi mit-Tribunal jekk hemmx limitazzjoni fuq il-piz, jew xi indikazzjoni ghall-konsumatur ta' l-istess, ix-xhud qal li le, m'hemmx. Ix-xhud kompla jistqarr illi s-socjeta' kienet offriet li r-rikorrenti jhallsu tmenin Ewro (€80.00) minflok mitt Ewro (€100.00) sabiex taqdihom. Dan is-saqqu ghandu bżonn xoghol ta' padding doppju. Il-garanzija hija biss fuq il-molol u dan internazzjonalment. Ovvjament wear and tear jirrikjedi hlas. Kieku kien difettuż, is-socjeta' kienet issewwieh b'xejn.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, b'referenza partikolari ghax-xhieda tas-socjeta' kjamata fil-kawza, fejn fuq domanda tat-Tribunal rigwardanti jekk hemm xi limitazzjoni fuq il-piz, jew xi indikazzjoni ghall-konsumatur ta' l-istess, ix-xhud irrisponda fin-negattiv, it-Tribunal ma jistax ma jikkummentax fuq il-fatt illi la darba, hekk skond ix-xhieda ta' l-istess socjeta' kjamata fil-kawza, *"dan is-saqqu ma kienx tajjeb ghalihom, u li s-socjeta' tadatta skond il-persuna, u cioe' wiehed jadatta is-saqqu ghalih"*, flimkien man-nuqqas ta' provi da parte tas-socjeta' ntimata illi hija ggwidat lir-rikorrenti konsumaturi fl-ghazla taghhom, allura il-buon sens jiddetta illi kien hemm nuqqas ta'servizz sia da parte tas-socjeta' ntimata, li ma ggwidatx lir-rikorrenti, u sia da parte tas-socjeta' kjamata fil-kawza, fuq nuqqas ta' indikazzjoni rigwardanti l-piz. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lir- rikorrenti jirritornaw is-saqqu in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, filwaqt li jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta'mitt Ewro (€100.00) lir-rikorrenti u jordna lis-socjeta' kjamata fil-kawza thallas l-ammont ta'mitt Ewro (€100.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra is-socjeta' ntimata u s-socjeta' kjamata fil-kawza fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**